MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 412/2003

**Analise Jones**

***Versus***

**James Vella**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta korriet għax intlaqtet minn karrozza misjuqa mill-konvenut.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-1 t'April 2002, għal xi s-7.00 *p.m.*, waqt li kienet miexja fi Triq San Bastjan, Ħal Qormi, l-attriċi ntlaqtet mll-vettura numru JAV 661 misjuqa mill-konvenut. Minħabba f'dan l-inċident l-attriċi ġarrbet danni, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*: ġarrbet ġrieħi gravi fil-persuna tagħha u kellha tagħmel spejjeż biex iddewwiet u, barra minn hekk, baqgħet tbati minn debilità li ma tfieqx minnha.
Billi qiegħda tgħid illi għall-inċident jaħti l-konvenut waħdu, iżda għalxejn sejħitlu b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar 2003 biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-attriċi fetħet din il-kawża

u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 t'Ottubru 2002, dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar 2003 lill-konvenut u lill-assikuratur tiegħu, u ta' l-ittra uffiċjali ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni għan-notifika ta' l-assikuratur.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi hu ma jaħtix għall-inċident; għalhekk ma hemmx danni li għandhom jiġu likwidati biex jagħmel tajjeb għalihom hu.

L-inċident seħħ hekk:

L-attriċi kienet fuq il-bankina fi Triq San Bastjan, Ħal Qormi. Billi kienet wieqfa tħares lejn il-vetrina ta' ħanut kellha daharha lejn it-triq; fuq ix-xellug tagħha kien hemm oħtha, li kienet magħha.

F'ħin minnhom semgħet ħoss qawwi ta' karrozza ġejja mit-triq ta' warajha. Minn taħt il-għajn rat illi dik il-karrozza kienet ġejja b'veloċità qawwija mill-lemin. F'daqqa waħda din il-karrozza rikbet il-bankina, laqtitha u laqtet il-faċċata tal-ħanut, reġgħet niżlet il-bankina u spiċċat in-naħa l-oħra tat-triq.

Il-konvenut, li kien qiegħed isuq il-karrozza lil laqtet lill-attriċi, qal illi hu tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu għax, hekk kif kien għaddej fi Triq San Bastjan u ġie biex jaqsam quddiem Triq Correa — li hija triq laterali li kienet bejn fejn kien hu dak il-ħin u fejn kienet l-attriċi — meta kien tul ta' xi tliet karrozzi 'l bogħod mill-bokka tat-triq ħarġitlu karrozza oħra u għamel manuvra biex ma jaħbatx magħha. Qal ukoll li kien għaddej b'xi tletin jew forsi erbgħin kilometru fis-siegħa (30-40 Km/h).

Mill-iskizz imħejji mis-Surġent tal-Pulizija li mar fuq il-post wara l-inċident jidher illi l-konvenut ħalla *brake mark* ta' metru u nofs (1.5 m) qabel ma rikeb il-bankina, għamel tul ta' bejn tmienja u għaxar metri (8-10 m) fuq il-bankina u, wara li laqat lill-attriċi u l-faċċata tal-ħanut, reġa' niżel il-bankina u kompla ħalla *brake marks* ta' seba' metri (7m) oħra.

Dan kollu, fil-fehma tal-qorti, juri illi l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ferm ogħla milli kien xieraq u għaqli fiċ-ċirkostanzi. Li kien qiegħed isuq bil-għaqal li riedu ċirkostanzi tat-triq li kien qiegħed fiha — li kieku

tassew kien qiegħħed isuq b'erbgħin kilometru fis-siegħa (40 Km/h) — u, kif irid is-sewqan tajjeb, ħalla *margin* għall-iżbalji tiegħu u ta' ħaddieħor, ma kienx jitlef il-kontroll tal-vettura kif għamel. Il-qorti ma għandha ebda dubju illi l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ampjament eċċessiva u li kienet din il-veloċità li taħti għall-inċident.
Ukoll jekk kien hemm sewwiq ieħor illi lill-konvenut ħoloqlu emerġenza, dan ma jeħlisx lill-konvenut mill-ħtija għax kienet il-veloċità tiegħu illi kabbret il-konsegwenzi. Dan is-sewwiq l-ieħor baqa' mhux magħruf u ma huwiex parti fil-kawża. Għalhekk, ukoll jekk dan is-sewwiq mhux magħruf kellu parti mill-ħtija, il-biċċa tal-ħsara li seta' ikkaġuna ma tistax tiġi stabbilita u l-attriċi tista' titlob il-ħlas tad-danni kollha mingħand il-konvenut, kif irid l-art. 1050 tal-Kodiċi Ċivili.
Ngaħddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.
Bħala *damnum emergens* l-attriċi qiegħda titlob mija u sbatax-il lira u ħamsin ċenteżmu (Lm117.50) spejjeż ta' tobba. Dawn l-ispejjeż huma ġustifikati minn riċevuti fiskali[1] u għalhekk huma approvati.
Ngħaddu għalhekk għal-*lucrum cessans*.
L-attriċi kellha għoxrin (20) sena meta korriet u għalhekk *multiplier* ta' ħamsa u tletin (35) sena jkun wieħed xieraq.
Dak iż-żmien l-attriċi kienet għadha tistudja l-università, u kellha biss xogħol *part time* jew każwali. Id-dħul tagħha għalhekk ma jistax jitqies bħala miżura tajba tal-potenzjal tal-qligħ tagħha meta tiggradwa u tibda taħdem regolarment. Għalhekk, wara li qieset dan il-fattur u wkoll illi x'aktarx illi l-pagi jogħlew u s-siwi tal-flus jonqos matul is-snin tal-*multiplier*, il-qorti hija tal-fehma illi għandha taħdem it-telf fuq dħul medju ta' sebat elef lira (Lm7,000) fis-sena.
L-attriċi ġarrbet debilità li ma tfieqx minnha ta' tmienja fil-mija (8%). Għalkemm dan jirriżulta minn xhieda *ex parte*, ix-xhud huwa kwalifikat biex jagħti opinjoni ta' espert u din l-opinjoni ma ġietx kontestata mill-konvenut, u l-qorti għalhekk tista' toqgħod fuqha.
*Lucrum cessans* fuq ħamsa u għoxrin (25) sena jiġi Lm7,000 GĦ 35 GĦ 8/100 = Lm19,600 dsatax-il elf u sitt mitt lira. Billi l-inċident seħħ erba' snin ilu u l-attriċi sejra

[1] *Fol*. 28 u *fol*. 53.

għalhekk tieħu bil-quddiem id-dħul illi kellu jinfirex fuq aktar minn tletin (30) sena, ikun xieraq illi jsir tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) biex ipatti għal dan.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u tmenin lira (Lm15,680). Id-danni b'kollox — *damnum emergens* u *lucrum cessans* —jiġu ħmistax-il elf, seba' mija u sebgħa u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm15,797.50).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tiegħu, tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u tmenin lira (Lm15,680) u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------